MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2011

Numru. 194/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**
**(Spettur Bernard Spiteri)**

**vs**

**Mohamed Kasem, 26 sena, bin Hussein u Fatima nee Ashour, imwieled Syria fil-21 ta' Awissu 1984 u joqghod Alcons, Flat 1, Triq Dun Guzepp Calleja, Tarxien, ID No 27513(A)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Mohamed Kasem li permezz taghha huwa gie akkuzat talli fid-19 ta' Jannar, 2011 ghal habta tad-9.00am gewwa B'Kara u l-Msida, iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat, liema reat jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reati b'mod li jistghu, jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan

ir-reat sar u dan bi ksur tal-artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U fl-ahhar nett talli rienda ruhu recediv ai Termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsdra l-istess;

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Illi meta tigi biex tikkonsidra il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, l-fedina penali kwazi nadifa ta’ l-imputat u il-fatt illi ikkopera mal-pulizija. Inoltre ghar-rigward tal-akkuza tar-recidiva l-Qorti ser issib htija biss ai termini ta’ l-artikolu 49 billi r-reati li dwarhom gie misjub hati jaqghu fil-parametru tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 110(2) u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta’ sitt (6) xhur prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fiz-zmien operattiv ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------